ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

S

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

Il-ĦDAX-IL SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali)

L-Isem: _____ **Il-Klassi:** _____

Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. It-tweġibiet għal taqsimiet C u D iridu jinkitbu fuq karta separata. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.

Taqsima A: Imla l-vojt bil-kliem ipprovdut.

Unjoni Ewropea	riżorsi naturali	kumpaniji multinazzjonali	Parlament Ewropew	it-trattati
it-tniġġis	Malta	is-solidarjetà	diversità	ambjent

1. Il-motto tal-Unjoni Ewropea huwa "Magħquda fid-_____".
2. Fl-_____ nsibu 27 pajjiż.
3. Il-_____ nsibuhom madwar id-dinja kollha.
4. Is-seprazzjoni tal-iskart huwa azzjoni tajba għal _____ aħjar.
5. Il-gass u ż-żejt huma eżempji ta' _____.
6. _____ huma ftehim bejn l-istati membri Ewropej.
7. _____ saret membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004.
8. _____ jagħmel ħsara kbira lill-ambjent.
9. _____ huwa wieħed mill-valuri prinċipali tal-Unjoni Ewropea.
10. Il-_____ huwa l-post fejn isiru l-liġijiet fl-Unjoni Ewropea.

(2x10=20 marka)

Taqsima B: Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

1. Il-Ġnus Magħquda twaqqfet
   a. wara t-tieni Gwerra Dinjija
   b. meta twaqqfet l-Unjoni Ewropea
   c. meta d-dinja saret globalizzata

2. Il-Ġnus Magħquda taħdem kontinwament
   a. biex iżżomm il-paċi u s-sigurtà fid-dinja
   b. favur l-ambjent
   c. għall-iżvilupp sostenibbli

3. NGO's li għandhom interess fl-ambjent
   a. jaħdmu favur żvilupp sostenibbli
   b. jagħmlu liġijiet għall-pajjiż
   c. huma favur it-tniġġis

4. It-tniġġis tal-ilma jiġi kkawżat minn
   a. bini għoli
   b. pestiċidji u deterġenti
   c. diforestazzjoni

5. Tisħin globali tfisser
   a. tniġġis tal-ħsejjes
   b. sostenibilità
   c. żieda fit-temperatura tad-dinja

6. Żvilupp sostenibbli jirreferi għall-iżvilupp
   a. mingħajr restrizzjonijiet
   b. li jappoġġja aktar bini
   c. mingħajr ma nagħmlu ħsara lill-ambjent

7. L-għan tal-kummerċ ġust hu li
   a. jiġu mħarsa d-drittijiet tal-ħaddiema u l-produtturi żgħar
   b. jiġu mħarsa d-drittijiet tal-kumpaniji multinazzjonali
   c. jkabbru l-profitti għal skapitu tal-ħaddiema

8. Il-globalizzazzjoni wasslet għal
   a. anqas diskussjonijiet bejn il-pajjiżi
   b. solidarjetà biss bejn il-pajjiżi viċin
   c. aktar interdipendenza bejn il-pajjiżi

9. Esportazzjoni tfisser meta
   a. prodotti u servizzi jinbiegħu barra l-pajjiż
   b. prodotti u servizzi jidħlu ġewwa l-pajjiż biex jinbiegħu
   c. jiżdiedu l-profitti permezz ta' xiri ta' prodotti

10. Malta bid-dħul tagħha fl-Unjoni Ewropea wasslet
    a. għal aktar għaqda fil-Ġnus Magħquda
    b. għal twaqqif tal-ERA
    c. għad-dħul tal-munita tal-ewro

(2x10=20 marka)

Taqsima C: Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha fuq karta separata.

Il-pandemija tal-coronavirus tirrappreżenta xokk għall-ekonomiji **globali** u tal-Unjoni Ewropea, b'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi serji ħafna. L-isfidi li nħolqu mill-pandemija fl-2020 jenfasizzaw għal darb'oħra l-importanza tal-koordinazzjoni politika u ekonomika fl-UE. Fl-2020, il-Kummissjoni bdiet ukoll tintegra l-Għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (Ġnus Magħquda) għall-Iżvilupp Sostenibbli bħala parti mill-istrateġija tagħha biex tiffoka fuq sostenibbiltà u tibni ekonomija b'saħħitha.

F'Marzu, il-Kummissjoni ppubblikat Strateġija Industrijali ġdida għall-Ewropa li tispjega kif jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba biex jgħinu lill-industrija tibqa' kompetittiva globalment u biex il-kumpaniji ta' kull daqs imexxu u jikbru. L-istrateġija se tgħin lill-Ewropa biex tirkupra. Il-Pandemija uriet kif id-dipendenzi globali tal-UE jaffettwaw l-abbiltà tagħna li nirreaġixxu meta jkun hemm kriżi.

Silta addattata minn: https://op.europa.eu/webpub/com/general-report-2020/mt/

1. Semmi **ħames** pajjiżi li nsibu fl-Unjoni Ewropea. (5)
2. Spjega t-terminu *globali* fis-silta li qrajt. (5)
3. *Il-pandemija tal-coronavirus tirrappreżenta xokk għall-ekonomiji globali u tal-UE, b'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi serji ħafna.* Spjega l-ħsieb prinċipali ta' din is-sentenza. (6)
4. a. Għaliex hija importanti l-interdipendenza bejn il-pajjiżi fl-UE? (3)
   b. Semmi **żewġ** vantaġġi li ġabet magħha l-interdipendenza bejn il-pajjiżi. (4)
5. a. X'nifhmu b'solidarjetà globali? (3)
   b. Agħti **żewġ** eżempji kif din qiegħda sseħħ. (4)
6. X'inhu x-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea? (5)

(35 marka)

Taqsima D: Fuq karta separata, ikteb paragrafu ta' madwar 130 kelma fuq WIEĦED minn dawn li ġejjin.

1. L-Unjoni Ewropea hi unjoni ekonomika u politika unika bejn 27 pajjiż Ewropew. Iddiskuti.
2. Spjega u analizza x'inhu r-rwol tal-istat biex f'pajjiżna jkun hemm żvilupp sostenibbli.
3. Iddiskuti r-relazzjoni bejn il-globalizzazzjoni u l-mass midja.

(25 marka)

(Total: 100 marka)